

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Mill-għalqa sal-platt: id-dimensjoni lokali u reġjonali

(2021/C 37/04)

Relatur: Guido MILANA (IT/PSE), Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Olevano Romano (Ruma)

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. jilqa' bi pjaċir l-istrategġja "Mill-għalqa sal-platt" (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Istrategġja") li, flimkien mal-"Istrategġja tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030" ⁽¹⁾ tinsab fil-qalba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ⁽²⁾ u hija essenzjali biex l-Ewropa ssir l-ewwel kontinent newtrali mil-lat ta' klima sal-2050; jenfasizza li ż-żewġ strategġiji għandhom jinżammu flimkien bis-sħiħ sabiex jiġi limitat l-impatt tas-sistemi tal-ikel fuq il-klima, l-ambjent sostenibbli u l-bijodiversità billi tiġi promossa s-saħħa tal-ħamrija, jiġu salvagwardjati l-pollinatori, l-użu ta' riżorsi bijoloġiċi għall-kontroll integrat, ir-riżorsi tal-ilma u l-ekosistemi, li fl-istess ħin jiggarrantixxu s-sikurezza u t-tjubija tal-ikel. Dawn għandhom jgħinu wkoll biex tiġi indirizzata l-problema tad-depopolazzjoni taż-żoni rurali. Iqis li l-awtonomija tal-ikel hija daqstant ieħor strateġika u tinvolvi ż-żamma tal-kapaċità tal-produzzjoni, li teħtieġ appoġġ baġitarju adegwat min-naħa tal-UE;
2. jenfasizza l-hteġa għal koerenza bejn id-diversi oqsma ta' politika relatati mal-ikel, bħall-agrikoltura, it-trobbija, il-forestrija, is-sajd u l-affarijiet marittimi, u l-politiki ambjentali, tal-enerġija u tas-saħħa, tal-konsumatur, tal-produzzjoni, tal-impjiegi, tal-iżvilupp rurali u tal-politiki tal-foresta, permezz ta' approċċ ta' governanza f'diversi livelli sabiex l-azzjonijiet miftiehma fil-livell Ewropew ikunu jistgħu jgħinu l-implimentazzjoni tal-istrategġja lejn objettivi ta' riforma ambizzjużi u kondiviżi; Il-kontribut tal-komunitajiet lokali u tal-komunitajiet rurali jeħtieġ li jiġi rikonoxxut aħjar u integrat fil-politiki. Huwa essenzjali li tiġi rkuprata l-identità kulturali tar-reġjuni mal-ekosistemi;
3. jissottolinja li l-pandemija tal-COVID-19 għamlitna ferm konxji dwar l-interrelazzjonijiet bejn saħħitna, l-ekosistemi, il-ktajjen tal-provvista, ix-xejriet tal-konsum u l-konfini planetarji tagħna. Il-pandemija attwali hija biss eżempju wieħed: iż-żieda fil-frekwenza ta' nixfa, għargħar, nirien fil-foresti u ta' organiżmi ta' ħsara ġodda tfakkarna b'mod kostanti li s-sistema tal-ikel tagħna tinsab taħt theddida u jeħtieġ li ssir aktar sostenibbli u reżiljenti, kapaċi li topera taħt kwalunkwe ċirkostanza u li tipprovdi liċ-ċittadini bi provvista suffiċjenti ta' ikel tajjeb għas-saħħa, fi kwantità adegwata u bi prezzijiet affordabbli;
4. jirrimarka li l-agrikoltura sostenibbli ma tistax tiġi żviluppata jekk l-UE tkompli timporta prodotti agrikoli rħas, li ma jirrispettawx l-istandards Ewropej tal-produzzjoni u li jikkompetu b'mod inġust mal-ktajjen ta' produzzjoni Ewropej waqt li tesporta ż-żejjed bi prezzijiet iktar baxxi mill-ispejjeż ta' produzzjoni Ewropej; jappella li jiġu introdotti b'mod urġenti regoli multilaterali ġodda li huma aktar ġusti u aktar ibbażati fuq is-solidarjetà sabiex ma tiġix ipperikolata s-sostenibbiltà tal-azjendi Ewropej; jittama li tali approċċ ġdid ikun immirat lejn it-tiżiħ tal-prospettiva ekonomika tal-produtturi u r-rabtiet bejn il-produtturi u l-konsumaturi, u jappoġġja sistemi tal-ikel diversifikati u alternattivi jew komplementari għas-sistemi ta' produzzjoni konvenzjonali; jindika distribuzzjoni mill-ġdid aktar ekwa tal-valur, li tħallas aħjar lill-produtturi li jipprovdu prodotti pubbliċi ta' kwalità u servizzi ta' ekosistema;

⁽¹⁾ COM(2020) 380 final.

⁽²⁾ COM(2019) 640 final.

5. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tuża b'mod konsistenti l-indikaturi eżistenti (eż. l-indikaturi tal-SDGs) biex timmonitorja l-progress li sar biex jintlaħaq l-għan li jingħaqdu flimkien il-produzzjoni sostenibbli tal-ikel, is-servizzi tal-ekosistemi u perspettivi ekonomiċi ġusti għall-bdiewa u l-impjegati f'diversi politiki settorjali filwaqt li l-introduzzjoni ta' indikaturi ġodda għandha tiġi prevista biss għal dawk l-oqsma li għadhom mhumiex rappreżentati biżżejjed; u jittama li jkun hemm il-parteċipazzjoni attiva tal-atturi kollha fis-sistema tal-ikel fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija;

6. jittama li r-rwol tar-reġjuni u l-bliet bħala atturi importanti fit-tranżizzjoni tal-ikel jiġi rikonoxxut u appoġġjat; fost funzjonijiet oħra, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni jikkostitwixxi ġabra ta' għarfien ta' prattiki ta' bliet u reġjuni Ewropej, u għalhekk jista' jikkostitwixxi intermedjarju importanti għall-komunikazzjoni u t-tagħlim reċiproku bejn il-livelli tal-gvern; fil-kuntest tal-implimentazzjoni u d-definizzjoni tal-PAK futura, huwa essenzjali li r-reġjuni Ewropej ikunu jistgħu jkomplu jaqdu r-rwol tagħhom bħala awtoritajiet ta' ġestjoni sabiex jappoġġjaw it-tranżizzjonijiet stabbiliti fl-Istrateġija "Mill-għalqa sal-platt" lokalment kemm jista' jkun u biex jiġi żgurat li l-pjani strateġiċi futuri jissodisfaw il-ħtiġijiet lokali; F'dan ir-rigward, ikun essenzjali li l-ewwel pilastru jiġi reġjonalizzat fil-pjani strateġiċi, sabiex l-ekoskemi jkun jistgħu jiġu ġestiti bħala strumenti importanti biex jakkumpanjaw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija, b'mod li jikkorrispondi mal-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull reġjun;

Appoġġ lill-produtturi u promozzjoni ta' ktajjen tal-provvista qosra u trasparenti

7. jirrakkomanda monitoraġġ aktar mill-qrib tax-xejra tal-konċentrazzjoni tal-art favur l-industrija tal-biedja, iż-żieda fil-prezzijiet tal-art, l-abbandun tal-art f'żoni marġinali u t-telf konsegwenti tal-art agrikola minn produtturi medji żgħar u bdiewa ġodda; għalhekk jirrakkomanda bidliet fl-istrumenti eżistenti tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), bħal pereżempju limitu possibbli tal-pagamenti diretti għal kull azjenda, sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-art agrikola minn biedja lokali u żgħira għal ta' daqs medju u bdiewa agroekoloġiċi ġodda li joperaw għal rashom jew fi sħubija, biex jiġi evitat it-tnaqqis ta' bdiewa attivi; jirrakkomanda li jinżamm il-bilanċ bejn ekonomija u ambjent fil-PAK; jinkoraġġixxi wkoll l-użu tal-ilma reklammat għat-tisqija f'żoni li għandhom defiċit u li tiġi promossa l-agroforestrija;

8. jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni tipprevedi t-tisħiħ tal-potenzjal tal-biedja organika u tesprimi r-rieda li, fid-dawl ta' studju preliminari tal-impatt, talloka għaliha mill-inqas 25 % taż-żona agrikola tal-UE sal-2030, u żieda sinifikanti fl-akkwakultura organika; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta wkoll sistemi oħra ta' kultivazzjoni u produzzjoni li joffru benefiċċji ambjentali. F'dan ir-rigward, jirrakkomanda li jiġi kkunsidrat u appoġġjat ir-rwol tal-politiki territorjali lokali u reġjonali bħala mezzi biex jiġu ppreservati u miżjuda ż-żoni agrikoli destinati għall-produzzjoni organika, integrata u ta' preċiżjoni, li b'kawtela tiffiranka r-riżorsi ambjentali, permezz ta' programmi bħal politiki lokali dwar l-ikel (inklużi żoni u reġjuni li jipproduċu ikel organiku u l-ekoreġjuni ⁽³⁾) u l-proċessi ta' taħriġ; jispera li fil-kuntest tal-PAK, it-tranżizzjoni tkun koerenti mal-iżviluppi fil-konsum ta' prodotti organiċi; jitlob ukoll għal miżuri mmirati biex jakkumpanjaw l-istrutturar tas-settur organiku kollu u mhux biss l-iżvilupp tal-produzzjoni, sabiex jinżamm il-valur miżjud marbut ma' dan il-metodu ta' produzzjoni u proċessar f'territorji differenti, inkluż billi tiġi mħeġġa l-provvista ta' networks tal-ilma sabiex il-produtturi organiċi jiġu pprovvduti b'ilma li jkun konformi mal-leġiżlazzjoni dwar il-biedja organika;

9. jitlob għal ċentralità akbar għall-ktajjen tal-provvista qosra u biex tiġi rikonoxxuta d-diversità tas-sistemi ta' produzzjoni Ewropej, inklużi sistemi ta' produzzjoni alternattivi, immirati lejn it-tisħiħ tal-forom lokali/reġjonali ta' produzzjoni, proċessar u kummerċjalizzazzjoni, ibbażati fuq il-kwalità nutrizzjonali, il-benesseri tal-annimali u tal-ambjent; jitlob għall-istabbiliment ta' qafas Ewropew għall-promozzjoni u t-tisħiħ ta' ktajjen ta' provvista qosra, li jibdw minn prattiki lokali innovattivi u ta' suċċess; jitlob li jiġi ffaċilitat l-appoġġ għal proġetti territorjali kollettivi li jinvolvu proċessuri, awtoritajiet lokali, azjendi agrikoli, l-azjendi tal-forestrija, kummerċjanti u konsumaturi lokali biex jiżviluppaw offerta tal-ikel lokali; jitlob ukoll għal appoġġ għad-diversifikazzjoni tal-produzzjoni u l-ipproċessar lokali-reġjonali, għall-iżvilupp ta' setturi ġodda (pereżempju proteini veġetali, partikolarment legumi u setturi ta' kwalità bħall-frott tal-bosk, ġewż, eċċ.) li jipprevedu anke l-valorizzazzjoni tal-ktajjen sekondarji ta' flussi sekondarji u tal-iskart, sabiex jinħoloq valur miżjud fl-istadji varji tal-katina tal-ikel, waqt li tiġi evalwata l-possibilità li tiġi introdotta ċertifikazzjoni fir-rigward tal-produzzjoni sostenibbli li tinkludi l-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-ħamrija. Jinnota f'dan il-kuntest li kunċetti bħal dawk lokali u reġjonali għandhom jitqiesu mill-perspettiva tal-prodott inkwistjoni. Il-punt tat-tluq huwa impronta ekoloġika żgħira tal-prodott, l-evitar tat-trasport bla bżonn u relazzjoni mtejba bejn il-produtturi u l-konsumaturi;

⁽³⁾ Eżempju ta' dan huwa l-BioRegio Bayern 2012, li l-għan tiegħu huwa li jilħaq 30 % tal-uċuħ bijoloġiċi sal-2030 (Sors: *The Role of Local and Regional Authorities in making food systems more sustainable*, studju kkommissjonat mill-KtR).

10. jirrikonoxxi li l-produzzjoni, l-ipproċessar, il-bejgħ bl-imnut, l-ippakkjar u t-trasport ta' prodotti tal-ikel jikkontribwixxu għat-tniġġis tal-arja, tal-ħamrija u tal-ilma u għall-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, kif ukoll li għandhom impatt profond fuq il-bijodiversità, u għaldaqstant, jittama li jiġu promossi l-flussi sekondarji lejn mudell ta' ekonomija ċirkolari. Bħall-Kummissjoni Ewropea, huwa tal-fehma li l-miżuri li ġejjin huma urġenti:

- (a) jitnaqqsu l-użu u r-riskju globali tal-pestiċidi kimiċi b'50 % u l-użu ta' pestiċidi aktar perikolużi ⁽⁴⁾ b'50 % sal-2030, filwaqt li jiġi żgurat li l-bdiewa jiġu offruti alternattivi ġenwini, li ma jillimitawx il-produttività tagħhom, kemm dwar l-użu tal-pestiċidi kif ukoll il-metodi ta' kultivazzjoni, u jiġu allokati aktar riżorsi għar-riċerka f'dan is-settur kif ukoll jiġi aċċellerat l-aċċess għas-suq;
- (b) jitnaqqas it-telf ta' nutrijenti b'mill-inqas 50 %, mingħajr ma dan iwassal għal deterjorament tal-fertilità tal-ħamrija;
- (c) jitnaqqas l-użu ta' fertilizzanti b'mill-inqas 20 % sal-2030;
- (d) jitnaqqas b'50 % l-bejgħ ta' antimikrobiċi użati għall-bhejjem u l-akkwakultura sal-2030;
- (e) jitkompla t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra prodotti mis-settur agrikolu u mill-użu tal-art, b'mod partikolari dawk mill-ossidu nitruż u l-metan, fejn ta' dan l-aħħar ġej ukoll mis-settur tal-bhejjem, kif ukoll l-użu agrikolu tal-artijiet mistagħdra, filwaqt li jikkontribwixxi b'mod adegwat għall-proċess tal-Liġi dwar il-Klima Ewropea. Għal dan il-għan, jistieden lill-Kummissjoni tippubblika, malajr kemm jista' jkun, pjan ta' miri għall-klima għall-2030, imfassal biex tiġi aġġustata 'l fuq il-mira tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra għal mill-inqas 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990 ⁽⁵⁾, waqt li jiġi implimentat pjan konsistenti ma' impenji finanzjarji adegwati;
- (f) jiżiedu l-bwar u l-produzzjoni tal-għalf tal-proteini fl-Ewropa, titnaqqas l-importazzjoni tal-għalf u tal-proteini li mhumiex konformi mar-rekwiżiti klimatiċi u ambjentali Ewropej;

11. jitlob lill-Kummissjoni tipproduċi, bħala parti mill-ħidma kontinwa tagħha, valutazzjonijiet tal-impatt għat-tfassil tal-miri kwantifikati. Huwa importanti li l-pajjiżi b'konsum għoli ta' antibijotiċi, prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti u nutrijenti għall-pjanti jingħataw miri akbar għat-tnaqqis tal-konsum tagħhom minn dawk il-pajjiżi li diġà għandhom konsum baxx;

12. jissuġġerixxi li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt trasparenti u komunikattivi sabiex jiġu mmonitorjati miri fuq perjodu ta' żmien medju u jiġu nnegozjati mill-ġdid l-aġġustamenti meħtieġa b'konsultazzjoni mal-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, u l-atturi tal-industrija tal-biedja;

13. jirrakkomanda li jkun hemm miżuri aktar stretti kontra l-impatt ambjentali ta' prattiki ta' biedja industrijali intensiva; jitlob li t-tikkettar iċċertifikat uffiċjalment tat-trattament xieraq tal-annimali previst fl-Istrateġija jsir obligatorju fil-livell tal-UE; jirrakkomanda li jiġi introdott l-obbligu ta' tikketta ċara dwar it-tip ta' biedja, li tispeċifika ċ-ċiklu ta' ħajja tal-annimal, biex b'hekk il-produtturi jkunu jistgħu jsiru jafu l-prattiki li jintużaw u l-konsumaturi jkunu jistgħu jagħżlu prodotti konformi max-xewqat tagħhom; jissuġġerixxi t-tnaqqis progressiv u pjanat tat-trobbija fil-gaġeġ fl-Unjoni Ewropea kollha, inkluż permezz ta' limiti tad-densità fl-għadd ta' bhejjem imrobbija f'azjenda agrikola inkwistjoni, u l-appoġġ għall-akkwakultura estensiva; jitlob li limitu massimu tad-densità tal-annimali fl-azjenda jkun kundizzjoni għall-aċċess għall-pagamenti tal-PAK u biex tissaħħaħ il-kundizzjonalità tal-PAK dwar ir-regoli tal-benessri tal-annimali;

14. jitlob għal skemi ekoloġiċi ġodda biex joffru fluss ta' finanzjament ġust, obligatorju, effettiv u dejjem aktar importanti biex jipromovu prattiki ta' produzzjoni sostenibbli li jtejbu b'mod sinifikanti, fost affarijiet oħra, is-sekwestru tal-karbonju (*carbon farming*) mill-bdiewa u l-forestieri, kif ukoll il-bijodiversità; ifakkar, madankollu, li l-miżuri agroambjentali klimatiċi tat-tieni pilastru tal-PAK urew li kienu l-aktar miżura effettiva ta' ekoloġizzazzjoni tal-PAK, li hija marbuta ma' approċċ minn isfel għal fuq li jintuża fid-definizzjoni ta' tali miżuri f'każ ta' ġestjoni reġjonali; għalhekk jappella li tiġi sfruttata l-possibilità li l-fondi tal-ewwel pilastru jiġu allokati mill-ġdid fit-tieni pilastru tal-PAK u li l-awtoritajiet reġjonali jkunu involuti fid-definizzjoni ta' skemi ekoloġiċi kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali, sabiex jiġu żgurati koerenza u komplementarjetà akbar bejn l-iskemi u l-miżuri agroambjentali klimatiċi, kif ukoll

⁽⁴⁾ Dawn huma prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi attivi li jissodisfaw il-kriterji ta' esklużjoni stabbiliti fil-punti 3.6.2 sa 3.6.5 u 3.8.2 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1) jew li jitqiesu kandidati għas-sostituzzjoni skont il-kriterji stabbiliti fil-punt 4 ta' dak l-Anness.

⁽⁵⁾ L-istess talba saret fl-Opinjoni dwar *Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima: jiġi stabbilit il-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika* (COR-2020/01361 – relatur: Juan Moreno Bonilla (PPE/ES)) (ĠU C 324, 1.10.2020, p. 58).

konsiderazzjoni akbar tal-ħtiġijiet tar-reġjuni; jirrakkomanda wkoll appoġġ għal prattiki tal-biedja estensiva b'impatt ekoloġiku aktar baxx; hemm b'żonn li l-bdiewa jkunu jistgħu jiġu kkompensati b'riżorsi Ewropej u nazzjonali għall-ispejjeż addizzjonali marbuta mal-produzzjoni agrikola sabiex ikun hemm bilanċ bejn is-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali;

15. b'mod parallel mal-bidliet fis-settur agrikolu, iqis li huwa neċessarju li titħaffef it-tranżizzjoni għal produzzjoni sostenibbli tal-ħut; jirrakkomanda miżuri għall-protezzjoni u l-valur tas-sajjieda fuq skala żgħira, bħal dawk li jaħdmu b'mod sostenibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi, u għall-ġlieda kontra t-trobbija intensiva fil-gaġeġ, kontra l-prattiki illegali tas-sajd industrijali u tas-sajd żejjed, inkluża l-introduzzjoni ta' miżuri aktar adegwati fir-reviżjoni tal-politika komuni tas-sajd (PKS) u l-ftehimiet kummerċjali;

16. jitlob li jitfasslu proposti biex jiġu pjanati l-isparzi marittimi u biex jiġi stabbilit network ta' żoni li fihom kull forma ta' sajd hija pprojbita għal perjodu ta' żmien suffiċjenti sabiex jinkisbu b'mod aktar effettiv l-oġettivi tal-ibbilanċjar bejn teħid mir-riżorsa tas-sajd u l-kapaċità tal-baħar li jirriproduċiha; jappella sabiex isiru sforzi bil-għan li tiġi żgurata aktar effettività fl-istabbiliment ta' pjani ta' ġestjoni tas-sajd fiż-żoni l-aktar sensitivi mil-lat ambjentali;

L-ambjent tal-ikel, il-ġlieda kontra l-obeżità, il-promozzjoni ta' konsum responsabbli u kritiku

17. itenni l-importanza tal-għażliet u d-drawwiet tad-dieta tal-konsumaturi bħala vettur fundamentali ta' bidla fis-sistema tal-ikel; jappoġġja lill-Kummissjoni fl-intenzjoni tagħha li tiffaċilita t-tranżizzjoni għal dieti b'saħħithom u sostenibbli, f'konformità mal-Għan nru 12 tal-Aġenda 2030 dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli⁽⁶⁾; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni timplimenta pakkett ta' miżuri koerenti u mmirati biex tippromovi d-dieta Mediterranja, li ntwera li hija dieta tajba għas-saħħa, kif ukoll reġimi nutrittivi b'saħħithom, b'komponent veġetali akbar u konsum adegwat u responsabbli ta' xaħmijiet u zokkor;

18. jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi skemi aktar adegwati dwar it-tikkettar nutrittiv tal-prodotti, maqbula fil-livell Ewropew u bbażati fuq l-aktar data ta' riċerka xjentifika aġġornata; jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltà li toħloq bażi tad-data Ewropea dwar il-valuri nutrittivi u li twaqqaf programm Ewropew ta' tikkettar dwar in-nutrizzjoni. Sabiex jiġi stimulat konsum konxju, l-għan għandu jkun li tiġi pprovduta informazzjoni trasparenti, komprensiva u ċara dwar il-kwalità nutrittiva, filwaqt li jitqiesu l-oriġini tal-prodotti, l-impatt ambjentali tat-trasport u l-metodi ta' produzzjoni;

19. jenfasizza wkoll l-importanza li wieħed imur lil hinn mill-miżuri tat-tikkettar tal-informazzjoni, permezz ta' miżuri edukattivi, ta' inċentiv u strutturali li jorjentaw lejn konsum kritiku u responsabbli u jrawmu ambjenti tal-ikel b'saħħithom u aċċessibbli għal kulħadd; għalhekk jirrakkomanda kampanji ta' informazzjoni u programmi edukattivi dwar ikel tajjeb għas-saħħa u dieti rikki fil-komponent veġetali u ta' fibri; jappoġġja l-adozzjoni ta' inċentivi fiskali li jħeġġu lill-konsumaturi biex jagħżlu dieti b'saħħithom u sostenibbli; iħeġġeġ ukoll miżuri biex jiskoraġġixxu l-industrija agroalimentari mill-kummerċjalizzazzjoni u r-reklamar ta' ikel ipproċessat u mhux tajjeb għas-saħħa b'ħafna zokkor, melħ u xaħmijiet saturat;

20. jappoġġja bil-qawwa miżuri biex jiġi żgurati li l-prezz tal-ikel jirrifletti l-ispejjeż ambjentali u soċjali reali u li l-produtturi primarji jirċievu dħul ġust għal xogħolhom; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni tiddiskuti mal-Istati Membri miżuri mmirati biex jillimitaw il-kapaċità tal-akkwist tal-proċessuri u tal-bejgiegħa bl-immnut u biex isaħħu l-pożizzjoni tan-negozjar tal-produtturi primarji, minħabba l-ispejjeż ambjentali u tas-saħħa pubblika ppruvati xjentifikament. Il-KtR iqis li huwa aċċettabbli li prezz ġust għall-prodotti jirrikjedi prezz ogħla għall-konsumaturi⁽⁷⁾;

21. jistieden lill-Kummissjoni tagħmel id-dritt għall-ikel wieħed mill-pedamenti fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija; għalhekk jissuġġerixxi li taħdem mal-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-ġestjoni ta' miżuri fuq terminu qasir sa medju (eż. permezz ta' appoġġ ekonomiku) u fit-tul (politiki soċjali strutturali) immirati biex jippromovu l-aċċess tal-aktar gruppi vulnerabbli għal sistema ta' ikel aktar sostenibbli u b'saħħitha, li jgħinu fil-ġlieda kontra l-obeżità u l-malnutrizzjoni; jitlob għal pjan ta' azzjoni Ewropew wara l-2020 kontra l-obeżità u l-malnutrizzjoni tat-tfal; jenfasizza li l-affordabbiltà tal-ikel tajjeb għas-saħħa għandha tiġi appoġġata permezz ta' politiki u miżuri soċjali diretti, filwaqt li fl-istess ħin, jiġu żgurati prezzijiet ġusti għall-prodotti għall-bdiewa u l-impjegati.

⁽⁶⁾ Għan 12: Konsum u Produzzjoni Responsabbli.

⁽⁷⁾ Ara pereżempju Willet, W., et al. (2019). *Food in the Anthropocene: the EAT–Lancet Commission on healthy diets from sustainable food systems. The Lancet Commissions*, 393 (1170), pp. 447–492. Ara wkoll Howard, P. et al. *Global Meat: Social and Environmental Consequences of the Expanding Meat Industry*. MIT Press, 2019.

Xiri pubbliku sostenibbli, Green Food Procurement, programmi edukattivi

22. jitlob li ssir enfasi akbar fuq ir-rwol tal-akkwist pubbliku ekoloġiku u l-*green food procurement* bħala mezz ta' appoġġ għal dieti tajbin għas-saħħa u sostenibbli u biex tissaħħa u tiġi promossa l-agrikoltura lokali u reġjonali bbażata fuq l-ispeċifità reġjonali, filwaqt li jiġu żgurati l-ishma tas-suq għall-produtturi lokali u reġjonali ⁽⁸⁾;

23. jitlob li jiġu stabbiliti kriterji aktar flessibbli għall-introduzzjoni ta' prodotti lokali u reġjonali fil-qasam tal-akkwist pubbliku, b'mod partikolari billi jiġi adottat il-prinċipju ta' km 0 fil-kantins tal-iskejjel; jitlob ukoll li tiġi adottata sistema konsultattiva effettiva jew gwida Ewropea simplifikata, sabiex tipprovdi lill-korpi pubbliċi b'indikazzjonijiet ċari dwar kif jintroduċu kriterji ta' sostenibbiltà akbar;

24. jappoġġja lill-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jimplementaw programmi edukattivi dwar l-agrikoltura, l-ikel, l-ambjent u l-klima fl-iskejjel; iqis li huwa essenzjali li jitħeġġeġ konsum kritiku, u li titrawwem edukazzjoni fl-agrikoltura, fil-kultura tal-ikel u fl-għarfien ambjentali fost il-ġenerazzjonijiet iż-żgħar u l-aktar gruppi vulnerabbli.

Tnaqqis u prevenzjoni tal-ħela tal-ikel u promozzjoni ta' ekonomija ċirkolari

25. iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta leġiżlazzjoni ambizzjuża u miri vinkolanti għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-ħela tal-ikel; jistenna li l-Kummissjoni żżomm b'mod sod il-mira li torbot biex tnaqqas bin-nofs il-ħela tal-ikel sal-2030, li tibbaża fuq ix-xogħol li sar b'kollaborazzjoni mal-Pjattaforma tal-UE dwar it-Telf u l-Ħela tal-Ikel u jitlob lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni u appoġġ akbar lir-reġjuni ultraperiferiċi, biex tingħata spinta liċ-ċirkolarità tal-ekonomija tagħhom u jittejbu l-ġestjoni, ir-riċiklaġġ, u l-valur tal-iskart u l-prodotti sekondarji tal-agroindustrija u s-settur tas-sajd;

26. jirrakkomanda li tinżamm ħarsa ġenerali lejn il-katina alimentari, inklużi miżuri biex jillimitaw l-iskart kemm 'il fuq (produzzjoni primarja), fil-proċess ta' trasformazzjoni, kif ukoll matul it-trasport ta' oġġetti tal-ikel, il-kummerċjalizzazzjoni, u l-konsum tagħhom, kemm fl-unitajiet domestiċi kif ukoll barra minnhom; jissuġġerixxi li s-supermarkets jingħataw inċentiva għal ħażna aktar effiċjenti tal-prodotti u li għas-supermarkets ikun hemm provvedimenti ta' miżuri ta' tassazzjoni għal użu ineffiċjenti ta' prodotti żejda; jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva ta' ċerti Stati Membri għal donazzjonijiet obligatorji ta' stokkijiet żejda;

27. jitlob informazzjoni aktar adegwata dwar l-iskadenza fit-tikketti tal-prodotti alimentari billi jiġu vvalutati kemm id-data tal-"aħjar qabel" kif ukoll id-data ta' skadenza, bl-istess mod li jitqiesu importanti kampanji ta' komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi, li għandhom l-għan li jinkoraġġixxu mgħiba tajba f'termini ta' limitazzjoni tal-ħela tal-ikel; approċċ minn isfel għal fuq huwa rrakkomandat ukoll, immirat lejn l-għarfien u t-tisħiħ ta' innovazzjonijiet u prattiki tajbin li jifacċaw f'ħażna reatjiet urbani u reġjonali;

28. jappoġġja l-provvediment ta' miżuri li għandhom l-għan li jippromovu t-tixrid ta' mudelli ta' produzzjoni u ta' żvilupp territorjali bbażati fuq "skart zero", l-użu mill-ġdid u l-ekonomija ċirkolari tul il-katina kollha, inkluż il-qasam tal-plastik; jenfasizza li l-akkwist pubbliku huwa strument b'saħħtu li permezz tiegħu l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jistabbilixxu standards u jixprunaw is-suq lejn prodotti u servizzi aktar sostenibbli u lokali; jissuġġerixxi approċċ minn isfel għal fuq, bi programmi li għandhom l-għan li jappoġġjaw azzjonijiet solidi ta' ċirkolarità li jinvolvu r-reatjiet urbani, periurbani, rurali u ultraperiferiċi ⁽⁹⁾.

Il-kummerċ internazzjonali, is-solidarjetà u l-iżvilupp sostenibbli fpajjiżi terzi

29. iqis li huwa neċessarju li jiġi adottat approċċ komprensiv fit-tranżizzjoni għal sistemi agroalimentari sostenibbli permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u politiki kummerċjali internazzjonali; fil-fatt jissottolinja li l-UE, l-importatur u l-esportatur ewlieni fid-dinja tal-ikel, żiedet id-dipendenza tagħha minn pajjiżi terzi u, sal-lum, żvilupp politika kummerċjali li tkun f'kontradizzjoni mal-għanijiet soċjali u ambjentali tagħha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tfitteb b'mod attiv soluzzjonijiet dwar dan is-suġġett speċjalment fir-rigward tar-regoli tal-kummerċ agrikolu internazzjonali, tal-iżvilupp tal-prezzijiet fis-swieq tal-UE u dawk internazzjonali u bilanċ sostenibbli tad-domanda u l-produzzjoni tal-laħam u l-prodotti tal-ħalib;

⁽⁸⁾ Ifakkar u jtenni, f'dan il-kuntest, il-punt 19 tar-Riżoluzzjoni dwar l-Ikel Sostenibbli (ĠU C 313, 22.9.2015, p. 5), li "jirrakkomanda li l-partijiet differenti kkonċernati mill-produzzjoni sostenibbli u l-konsum responsabbli [...] jiġu infurmati dwar il-possibbiltajiet li jiġu inklużi kriterji marbutin mas-sostenibbiltà fis-sejthet għall-offerti li jagħmlu [...]", adottata waqt il-113-il sessjoni plenarja ta' Lulju 2015.

⁽⁹⁾ Eżempju ta' dan huwa l-każ tal-komun ta' Maribor fis-Slovenja, fejn hemm sinerġiji bejn il-belt u l-ambjent rurali permezz tal-konverżjoni ta' skart organiku f'fertilizzanti (Sors: *The Role of Local and Regional Authorities in making food systems more sustainable*, studju ikkummissjonat mill-KtR).

30. jinsisti li l-ftehimiet kummerċjali jiġu evalwati billi titqies il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra u jkunu bbażati fuq il-kunċett ta' żvilupp sostenibbli; jitlob għat-tisħiħ tal-kapitoli dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u l-ġlieda kontra d-deforestazzjoni, il-benessri tal-annimali u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem⁽¹⁰⁾;

31. iqis li l-politika kummerċjali li ma tiżgurax li s-swieq esterni jkunu miżmuma mal-istandards għoljin Ewropej fir-rigward tas-sostenibbiltà u s-sikurezza tal-ikel tista' xxekkel b'mod sever is-suq intern, u tista' tipperikola s-settur agrikolu tagħna; iqis il-ftehimiet kummerċjali Ewropej bħala strumentali biex jiġu żgurati kundizzjonijiet indaqs bejn is-suq intern u s-suq estern, tiġi ssaalvagwardjata l-kompetittività tal-bdiewa Ewropej u jiġi garantit redditu ġust; jesiġi li r-reċiproċità tar-regoli tal-produzzjoni tiġi negoziata ma' pajjiżi terzi b'mod strett (billi r-regolamenti dwar il-protezzjoni tal-għelejjel u dawk ambjentali jkunu fuq l-istess livell, u, fejn ikun opportun, jiġu identifikati l-prodotti lokali ta' eċċellenza); u jissaħħaħ il-kontroll fuq il-prodotti mad-dħul fis-suq komuni Ewropew; jappoġġja taxxa fuq il-karbonju fil-fruntieri, li tipprevjeni lill-kumpaniji tal-UE milli jirrilokaw il-produzzjoni lejn pajjiżi bi standards ambjentali inqas stretti.

Governanza, implimentazzjoni u monitoraġġ

32. jirrakkomanda li l-PAK, il-PKS, il-programmi operattivi u l-pjani strateġiċi nazzjonali tal-PAK futuri jiġu adattati b'mod konsistenti mal-oġġettivi deskritti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, speċjalment fl-istrateġija "Mill-għalqa sal-platt" u l-istrateġija "Biodiversità għall-2030"; f'dan ir-rigward jitlob li jkun hemm miri komuni kwantifikabbli u miżurabbli għall-pjani strateġiċi nazzjonali li għandhom jiġu inklużi fir-regolament tal-PAK; jissuġġerixxi li jkun hemm indikaturi tal-impatt ċari biex jiġu stabbiliti miri u jintraċċaw ir-riżultati; jitlob li r-reġjuni jkollhom rwol prominenti fil-governanza tal-pjani strateġiċi, b'mod partikolari għat-tieni pilastru; u jispera li ma tintilifx loġika territorjali u reġjonali fil-pjani ta' riforma tal-PAK;

33. jiddispjaċih li s-sehem tal-QFP 2021-2027 allokati għall-PAK fil-pożizzjoni konkluża mill-Kunsill Ewropew f'Lulju naqas b'6,4% meta mqabbel mal-perjodu attwali: miri ambizzjużi għall-implimentazzjoni ta' tranżizzjoni ekoloġika fil-produzzjoni agrikola Ewropea jmorru id f'id ma' baġit ambizzjuż għall-PAK, u b'mod partikolari għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali; jiddispjaċih, barra minn hekk, li l-isforzi biex il-PAK tinbidel f'politika li tkun aktar orjentata lejn il-ġid komuni, sostenibbli u li tħares aktar ir-riżorsi, sa issa għadhom ma ġewx riflessi b'mod aktar ċar fil-proposti għal regolamenti, u li, minħabba t-tul tal-perjodi ta' tranżizzjoni, l-approċċi previsti se jipproduċu biss effetti b'dewmien konsiderevoli;

34. jilqa' l-intenzjoni li jiġu involuti l-partijiet interessati kollha fis-sistema alimentari, mingħajr ma jitħallew barra s-soċjetà ċivili u r-rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ tal-Istrateġija; iqis li huwa meħtieġ li l-Istrateġija ddaħħal fis-seħħ sistemi ta' governanza orizzontali u f'diversi livelli, li huma kapaċi johlolqu trasversalità bejn id-diversi Direttorati Ġenerali kkonċernati tal-Kummissjoni; jittama li jittieħed eżempju minn mudelli parteċipattivi bħalma huma l-kunsilli tal-ikel, li ġew stabbiliti f'diversi awtoritajiet lokali u reġjonali;

35. jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tikkoopera mill-qrib mhux biss mal-Parlament, iżda anke mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ taż-żewġ Strateġiji.

Brussell, l-10 ta' Diċembru 2020.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Apostolos TZITZIKOSTAS

⁽¹⁰⁾ L-istess talba saret fl-Opinjoni *It-tisħiħ tal-azzjoni tal-UE biex jiġu protetti u rrestawrati l-foresti tad-dinja* (COR-2019/04601: relatur: Roby Biwer (PSE/LU)) (ĠU C 324, 1.10.2020, p. 48).